# FOLKLOR PARROKKJALI FUQ FOMM IR-RABTIN T'GĦAWDEX

Dun Geoffrey G. Attard

**Kull min huwa midħla tar-Rabat ta' Għawdex fejn sa mill-qedem sabet il-qofol tagħha l-ħajja reliġjuża, soċjali u ekonomika tal-abitanti tal-gżira tat-tliet għoljiet, huwa wkoll xi ftit jew wisq konxju li f'din il-belt ċkejkna ta' mhux aktar minn 7,000 persuna jeżistu żewġ knejjes parrokkjali li ġrajjithom hija mxebilka flimkien hekk li wieħed ma jistax jistudja l-ġrajja ta' waħda mingħajr ma jeżamina l-istorja tal-oħra. Nistgħu ngħidu li din ir-realtà parrokkjali kienet l-għajn ta' ħafna frażijiet u taqbiliet li nibtu matul is-snin u li jagħtu ħjiel tal-ħajja soċjali tar-Rabat.**

## ŻEWĠ PARROĊĊI

L-oriġini taż-żewġ knejjes parrokkjali tar-Rabat, Għawdex, jiġifieri tal-parroċċa tal-Assunta fil-Katidral u tal-parroċċa ta' San Ġorġ huwa mitluf fid-dalma taż-żminijiet Medjevali. Ma jeżisti ebda dokument li juri formalment it-twaqqif ta' xi waħda minn dawn iż-żewġ parroċċi. Huwa magħruf li fil-Medjuevu, kien hemm erba' knejjes parrokkjali fir-Rabat u dawn kienu l-Knisja Matriċi tal-Assunta, illum il-Katidral, il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, il-Knisja ta' San Ġakbu u l-Knisja ta' Sidtna Marija ta' Savina. Studju riċerkat ippubblikat ftit tas-snin ilu juri li kien possibbli li jkun hemm erba' parroċċi f'żona hekk ċkejkna minħabba l-possibiltà li huma kienu jiffurmaw salib Grieg fi żmien meta Għawdex kellu komunità ta' Nsara Griegi.[1]

Fis-sena 1688, wara talba li kienet saret sabiex jitwaqqfu erba' parroċċi ġodda f'Ta' Sannat, ix-Xagħra, in-Nadur (il-Qala) u ż-Żebbuġ, l-Isqof tal-gżejjer Maltin Davide Cocco Palmieri kien għaqqad il-parroċċa ta' San Ġorġ mal-Knisja Matriċi tal-Assunta bl-għan li din l-unjoni tagħmel tajjeb għat-telf li l-Matriċi kienet se ġġarrab meta jitwieldu l-parroċċi l-ġodda. Għalhekk bejn l-1688 u l-1955, il-parroċċa ta' San Ġorġ kienet magħquda mal-Knisja Matriċi Kolleġġjata tal-Assunta fil-Kastell u għaldaqstant ma kinitx parroċċa awtonoma. Dan huwa importanti li jingħad għax din l-unjoni swiet bħala għajn ta' animożità bejn l-Insara li kienu jissimpatizzaw maż-żewġ knejjes hekk li matul il-medda tas-sekli nibtet rivalità li taf għeruqha ħafna qabel it-twaqqif tal-ewwel baned Għawdxin.

## L-EWWEL BANED GĦAWDXIN

L-ewwel baned Għawdxin kienu mwaqqfa legalment bħala *La Stella Vincitrice* u *Il Leone* b'atti notarili tal-11 ta' Jannar u tas-6 ta' Frar 1881 rispettivament[2]; madankollu huma kienu diġà eżistenti għal diversi snin qabel dawn id-dati. Fiż-żmien meta l-Kastell ta' Għawdex kellu biss daħla waħda u ċkejkna, ma kienx possibbli li mill-Katidral joħorġu purċissjonijiet bi statwi mdaqqsa. Mhux biss, imma matul is-snin tal-unjoni (1688-1955), il-Knisja Matriċi ma kellhiex baned mużikali affiljati magħha. Iż-żewġ baned tar-Rabat kienu allura jakkumpanjaw purċissjonijiet li joħorġu minn San Ġorġ. Sal-1956 – is-sena li fiha l-Banda Leone rregalat l-istatwa artistika ta' Santa Marija lill-Knisja Katidrali – il-purċissjoni ta' Santa Marija mmexxija minn xi membru tal-Kapitlu Katidrali, kienet tinżel mill-Katidral mingħajr statwa u tidħol San



San Ġorġ ħiereġ għall-purċissjoni



Mons. Tarċisju Gatt, oħtu Anastasia u l-Isqof G. Pace.

Ġorġ fejn kienet tindaqq l-antifona tal-qaddis martri.

Meta fl-1955 l-Isqof Ġużeppi Pace permezz tad-dokument *Cum hodiernis temporibus* fired minn xulxin il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Knisja Katidrali, ir-rwol taż-żewġ baned ġie ċċarat. Il-Banda La Stella kompliet takkumpanja l-purċissjoni ta' San Ġorġ filwaqt li issa l-Banda Leone setgħet takkumpanja l-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija fil-15 ta' Awwissu. B'dan l-affiljament quddiem għajnejna, nistgħu nifhmu l-kuntest li fih nibtu dawn il-frażijiet jew taqbiliet ta' natura folkloristika parrokkjali.

Tal-Istilla, li allura kellhom f'idejhom il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ, kellhom din it-taqbila li biha kienu jinku lir-rivali tagħhom

*San Ġorġ tagħna għandu żiemel*
*Nitimgħuh il-biskuttini*
*U ngħadduh minn fejn Savina*
*Ħa jarawh is-Saraċini*

'Fejn Savina' kienet fil-qedem aktar mil-lum, żona magħrufa għar-rabta tagħha mal-partitarji tal-Iljun; għadha hekk ftit jew wisq sal-lum, għalkemm b'inqas enfasi. Għal xi raġuni li mhijiex għalkollox ċara, lil tal-Istilla kienu jirreferu għalihom bħala 'Lhud' filwaqt li lil tal-Iljun kienu jsejħulhom 'Saraċini'. Fil-fatt, frażi oħra antika din id-darba bl-għan li tinki lil tal-Istilla kienet tgħid hekk:

*San Mikiel tana l-privileġġ*
*U lil-Lhud seħithom tal-kbir sagrileġġ*

Din il-frażi tagħmel sens jekk inġibu quddiem għajnejna dak li ġara f'Settembru 1954. Ta' kull sena l-Banda Leone kienet takkumpanja l-purċissjoni bl-istatwa ta' San Mikiel meqjuma fil-Knisja ta' San Ġorġ. Dakinhar tal-purċissjoni f'Settembru 1954, meta ġew biex joħorġu l-istatwa, instab li l-ġwienaħ kienu neqsin u qam ħafna inkwiet bejn iż-żewġ baned tar-Rabat. Għalhekk l-Isqof djoċesan Mons. Ġużeppi Pace qatagħha li l-purċissjoni ma toħroġx aktar. Is-sena ta' wara, 1955, hu fired iż-żewġ parroċċi minn xulxin sabiex itemm l-inkwiet parrokkjali u b'hekk dawk li jappoġġjaw il-Banda Leone bdew jiffrekwentaw il-Knisja Katidrali. Għalhekk, is-simpatizzanti tal-Banda Leone ħarġu b'din l-għajta li San Mikiel kien tahom il-privileġġ li issa jkunu parruċċani tal-Knisja Katidrali.

Mill-banda l-oħra, tal-Istilla wkoll ħarġu bi frażi differenti sabiex jiġġustifikaw dak li kien ġara dakinhar. L-għajta tagħhom kienet din:

*San Mikiel kellu jkun*
*Biex jeħlisna minn ta' Ljun.*

## SANTA MARIJA FIL-KATIDRAL

Il-ġrajja tad-29 ta' Awwissu 1956, il-jum li fih il-Banda Leone rregalat l-istatwa ta' Santa Marija li kellha fil-każin tagħha lill-Knisja Katidrali hija ċertament waħda mill-aktar ġrajjiet sinifikanti fl-istorja parrokkjali tar-Rabat; permezz ta' dan l-avveniment, il-purċissjoni tal-15 ta' Awwissu kienet se tikseb importanza ġdida. Fost dawk li tħabtu biex din il-ġrajja setgħet isseħħ kien hemm l-Avukat Francesco Masini min-naħa tad-diriġenti tal-każin u Monsinjur Tarċisju Gatt minn fost il-kleru tal-Katidral; dan tal-aħħar kien ukoll direttur spiritwali tal-Banda Leone u ċerimonier tal-Isqof Pace.[3]

L-istatwa artistika tal-Assunta kienet saret Ruma mid-ditta Francesco Rosa fis-sena 1897. Sal-1955, il-purċissjoni ta' Santa Marija kienet allura mingħajr statwa; fl-1956 il-purċissjoni ħarġet għall-ewwel darba bl-istatwa ta' Santa Marija mill-Katidral fost il-ferħ ta' kulħadd. Niftakar lil nannti, Dolora mwielda Fenech, u li twieldet u trabbiet f'dar fi pjazza Savina tgħidli strofa ħelwa li tesprimi l-għira u l-għożża li biha kienet u għadha miżmuma din l-istatwa fil-Knisja Katidrali:

*Tnax-il stilla għandha ma' rasha*
*Imma dawn ma jsebbħuhiex*
*Marija sabiħa minnha*
*Triduha, ma teħduhiex.*

L-istrofa hija intiża għall-partitarji tal-Istilla li għalkemm għandhom il-banda msemmija għall-Istilla, m'għandhomx lill-

Madonna – imsejħa mill-padri tal-Knisja bħala *Stella Matutina* – bħala l-patruna tal-parroċċa tagħhom. Forsi interessanti li wieħed hawnhekk jgħid li l-Banda La Stella setgħet ħadet isimha mill-Immakulata l-Kunċizzjoni, li l-festa tagħha tissejjaħ 'L-ewwel stilla tal-maltemp' (8 ta' Diċembru) u li tinsab meqjuma fil-Knisja Konventwali ta' San Franġisk fir-Rabat, Għawdex. L-ewwel partitarji tal-Istilla kienu mill-inħawi ta' din il-knisja u ta' wara San Franġisk.



Il-koppla 'finta' tal-Knisja Katidrali t'Għawdex xogħol Antonio Manuele da Messina.

## TAS-SITT XHUR

Din in-nota twassalna biex nirreferu għal fatt ħelu li seħħ x'aktarx lejn tmiem is-seklu dsatax u li tiegħu għadni ma sibt ebda tagħrifa dokumentata. Il-Banda La Stella kienet tieħu sehem f'xi purċissjonijiet li kienu joħorġu mill-Knisja ta' San Franġisk. Ħafna drabi l-patrijiet gwardjani li kellhom f'idejhom it-tmexxija tal-komunità reliġjuża tal-Franġiskani kienu jkunu parruċċani ta' San Ġorġ u xi ftit jew wisq simpatizzanti ma' tal-Istilla. Huma kienu jistiednu lill-Banda La Stella sabiex takkumpanja fil-purċissjonijiet tagħhom. Skont tradizzjoni mgħoddija bil-fomm u li smajtha kemm-il darba, inzerta li kien hemm f'perijodu partikulari gwardjan li kien jissimpatizza ma' tal-Iljun u li stieden lil din il-banda sabiex tieħu ħsieb f'xi purċissjoni partikulari. In-nies taż-żona ma ħadux pjaċir u ġibdulhom il-palk fi Pjazza San Franġisk. Dan dejjem skont għajdut li għadu jinstema' fuq fomm ix-xjuħ Rabtin ta' Għawdex. Milli jidher il-partitarji tal-Istilla tefgħu l-palk mill-pjazza għal ġol-għelieqi tal-qrib li kienu jinsabu daqs nofs sular aktar 'l isfel mil-livell tal-pjazza. Fi kliem ieħor, huma tefgħulhom il-palk li fuqu kienu se jdoqqu fl-għelieqi u ma setgħux idoqqu. Talli għamlu hekk, huma ttellgħu l-qorti u weħlu sitt xhur ħabs. Għalhekk lin-nies ta' wara San Franġisk, baqgħu jsejħulhom 'tas-sitt xhur'. Din il-frażi għadha tinstema' fuq fomm il-poplu sal-lum.

## KONKLUŻJONI

Illum il-ġurnata, għalkemm ir-rivalità bejn iż-żewġ partiti għadha tinħass l-aktar matul ix-xhur sajfin li matulhom jiġu ċċelebrati ż-żewġ festi tar-Rabat, il-folklor ta' natura parrokkjali qed jitlef ħafna mill-importanza tiegħu biex ma ngħidx li sfaxxa fix-xejn. L-edukazzjoni u t-tagħlim għenu ħafna sabiex il-pika tiddgħajjef jew tikseb natura aktar sottili. Sa ftit snin ilu, kull familja kien ikollha wkoll xi Ġorġ u Marija; anke din it-tradizzjoni qiegħda bil-mod il-mod tintilef biex tagħti postha għal drawwiet aktar moderni. Fadal biss l-istatwi li fis-sikta tan-niċeċ tagħhom għadhom jistgħu jirrakkontaw ġrajjiet u inċidenti li huma biss jiftakru u li jekk ma jinkitbux malajr minn dawk il-veterani li għadhom jiftakruhom, huma biss iddestinati li jintilfu fin-nisi taż-żmien li jagħmel mill-istorja u l-folklor tagħna relikwi ħelwin u wirt imprezzabbli li jagħmel minna dak li aħna, poplu b'għeruq Insara f'dinja dejjem aktar moderna.

*Endnotes*

1 Joseph Busuttil, Stanley Fiorini & Horatio Caeser Roger Vella, *Tristia Ex Melitogaudo. Lament in Greek Verse of a XIIth-century Exile on Gozo* (The Farsons Foundation: Malta, 2010).

2 A. Grech, *Ġrajjiet is-Soċjetà Mużikali u Filarmonika Leone Għawdex* (Għawdex, 2012), 26.

3 Mons. Carmelo Scicluna, *Tifkira f'Ġieħ Mons. Tarċisju Gatt 1912-1966*. Orazzjoni Funebri f'Għeluq ix-Xahar mill-Mewt (Marzu 1966 – Katidral, ir-Rabat).